**27 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

William Scicluna et.

*versus*

Paul Laferla

**Ħaddiema tal-Port — "Stevedores" — Konswetudini — Ħlas — Art. 5 (f) tal-Kap. 158 — Att XXXIX tal-1949 — G.N. 131/1950.**

*Fl-istat attwali tal-liġi rilevanti u tar-regolamenti maħruġin bis-saħħa tagħha, ma jistax ikun hemm dubju illi l-allokazzjoni tal-ħaddiema tal-port reġistrati lill-"employers" għandha ssir mill-Managers nominati skond id-dispożizzjonijiet leġislattivi relattivi; u illi ebda "employer" ma jista' jħaddem "port workers" reġistrati ħlief per mezz tal-manager.*

*Dak li seta' ġie prattikat diversament qabel ma jgħodd xejn; u anki jekk xi "gangs" speċjali qegħdin jiġu mqabbda mhux per mezz ta' manager, imma direttament mill-"employer", dan ma huwx skond il-liġi, u ebda konswetudini ma tista' tiġi attestata li tkun kontra l-liġi. Biex titqies konswetudini fis-sens li tiġi applikata daqs kieku liġi, jeħtieġ li jkun hemm provi riġidi ta' użu kostanti u dijuturn; iżjed u iżjed meta l-konswetudini tkun, jekk mhux "contra jus", almenu "praeter jus", u mhux sempliċement interpretattiva.*

*Iżda l-fatt li l-impjieg tal-"port workers" reġistrati għandu jsir per mezz tal-manager ma jġibx għall-konsegwenza illi l-ħaddiema għandu jħallashom hu, u mbgħad jirripeti l-flus li jħallas lilhom minn għand l-"employer". Il-manager mhux ekwiparabbli għall-appaltatur jew imprenditur, li qed jassumi kuntratt ta' xogħol għall-appaltant jew kommittent, u jsir, għalhekk, intitolat għall-ħlas. Skond it-termini tal-liġi, hu l-"employer" li jimpjega n-nies, għalkemm per mezz tal-manager; u responsabbli għall-ħlas tal-ħaddiema hu l-"foreman". U għalhekk il-manager ma għandux azzjoni kontra l-"employer" għall-flus li hu jkun ħallas lill-ħaddiema.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tal-atturi nomine quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut li jħallas is-somma ta' £7.11.11, prezz ta' opera ta' żbark imħallsa lill-"gangs" minn li-"Star of Malta" fl-4 ta' Ottubru 1957, kif riżultanti mit-trattazzjoni u mid-dokument "A" anness maċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' Mejju 1958, u bl-imgħax kummerċjali;

Rat il-verbal tad-19 ta' Awissu 1958, li bih il-konvenut eċċepixxa li ma għandux jagħti l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni għaliex l-inkarigu biex isir ix-xogħol in kwistjoni dejjem tah, u għandu jagħtieh, il-konvenut direttament lill-ħaddiema tal-port;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti taż-17 ta' Marzu 1959, li biha laqgħet it-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi bħala fatt ma jidherx li hu in kontestazzjoni illi l-inkarigu għax-xogħol in kwistjoni ġie mogħti mill-konvenut direttament lill-"ganger" Bondin. L-attur jippretendi illi l-konvenut ma setgħax jagħmel dan, mentri l-konvenut jippretendi illi huwa għandu jadopera din il-proċedura. Għalhekk l-ewwel punt ta' dritt li jrid jiġi nvestit huwa jekk ix-xogħol in kwistjoni kellux isir "through the manager";

Illi, skond l-art. 5(f) tal-Kap. 158, kif jinsab emendat bl-Att XXXIX tal-1949, il-Gvernatur-fil-Kunsill hu awtorizzat jemana regolamenti, fost affarijiet oħra, "for regulating the recruitment and employment of stevedores and port labourers to work with specified employers or on specified jobs, and for providing that persons not duly registered shall not work or be employed in the handling of cargo". In forza ta' dan il-poter, ġew emanati ir-regolamenti dwar in-nies li jaħdmu fil-port tal-1950, li susseguentement ġew emendati diversi drabi; u r-regolament 4(2) jiddisponi:— "Nor shall it be lawful for any person to employ on port work registered port workers other than those allocated to him by a manager". Dan ir-regolament hu ġenerali, u ma jagħmel ebda differenza bejn "special gangs" u mhux "special gangs"; u għalhekk kwalunkwe

**xogħol tal-port irid jinħadem minn "port workers" allokati mill-Manager;**

**Illi ġie sottomess**, u fil-fatt **jirriżulta, illi fil-prattika jeżistu ċerti "gangs"** speċjali, **bħal ma huma tal-frott u tal-barrin, li ma jiġux** allokati mill-Manager. Din il-Qorti ma hix imsejħa biex tidd ċidi jekk din il-proċedura hix legali jew le; għaliex il-Kun ill imwaqqaf bl-istess Kap. 158, u li skond ir-reg. 7(4) (a tal-G.N. 131/50 għandu l-poter "to determine the conditions of employment of port workers, including any matter relating to the supply of port workers to employers for any type of port work, the control and organisation of port workers, the subdivision of registered port workers into sections and gangs, etc.", qata', fis-seduta tas-6 ta' Mejju 1957, illi x-xogħol in kwistjoni kellu jsir "through the Manager", u din id-deċiżjoni ġiet approvata mill-Ministru. Għalhekk din id-deċiżjoni, li hija konformi mad-dispożizzjoni tar-regolament 4(2) fuq imsemmi, hija żgur legali, u ma hemmx lok li tiġi nvestita l-kwistjoni jekk il-poter tal-Kunsill li jiddetermina "special gangs" jikkomprendix anki dak li joħroġ dawn il-"gangs" mill-amministrazzjoni tal-Manager, kontra r-regolament 4(2), kif qiegħed isir għall-"gangs" tal-ħut, frott u barrin; għaliex, kif intqal, fil-każ in kwistjoni din id-deċiżjoni hija konformi għal dak ir-regolament;

Illi, għalhekk, ix-xogħol li tiegħu qiegħed jintalab il-ħlas jaqa' żgur taħt l-amministrazzjoni tal-atturi, u kellu jsir minn ħaddiema allokati minnhom;

Illi, stabbilit dan il-punt, trid tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk l-atturi jistgħux jitolbu huma l-ħlas għal dan ix-xogħol, li fil-fatt sar minn ħaddiema mqabbda direttament mill-konvenut;

Illi, ż-żewġ kontijiet eżibiti maċ-ċitazzjoni jikkomprendu kull wieħed żewġ kwalitajiet ta' "items" — "fees" lill-ħaddiema, u "administrative charge" ta' 3 u 1/3%, għat-termini tar-regolament 4(4) tal-G.N. 131/1950. Hu evidenti illi, kwantu għall-"adiministrative charge", din tispetta lill-atturi bħala managers, u ma jistax ikun hemm dubju illi huma l-persuni leġittimi biex jitolbu l-ħlas tal-ammont

relattiv. Il-kwistjoni tibqa' dwar il-"fees" dovuti lill-ħaddiema;

Illi din il-Qorti ġa kellha okkażjoni li tiddeċidi, fl-24 ta' Ottubru 1958, in re "Bartoli vs Scicluna", illi l-funzjoni tal-Manager hija li jalloka l-ħaddiema lill-"employer" li jagħmillu rikjesta; iżda dawn il-ħaddiema ma humiex impjegati mal-Manager, imma mal-"employer", li huwa l-konvenut. L-art. 4(b) tal-Kap. 158 jiddisponi illi "the fees payable to stevedore and port labourer by the foreman employing him"; u skond l-art. 2, "foreman means any person who, on his own behalf, or on behalf of another person, carries on the business of employing stevedores or port labourers". Ma hemm ebda dispożizzjoni jew regolament li jiddisponi li huwa l-Manager responsabbli għall-ħlas tal-ħaddiema. Hu veru illi r-regolament 5 (6) jawtorizza l-Manager li jitlob lill-"employer" il-produzzjoni ta' dokumenti biex jassikura "the prompt payment and calculation of wages due to port labourers"; però dan ma jġibx miegħu li l-Manager għandu hu stess iħallas lill-ħaddiema. Għalhekk bħala managers, u "pro tanto", l-atturi ma jistgħux jitolbu huma lill-employer il-ħlas dovut lill-ħaddiema;

Illi, però, jidher li ġie ntrodott sistema fil-prattika, li l-managers jiġbru huma dawn il-pagamenti minn għand l-"employer", u f'dan il-każ il-manager jassumi l-figura ta' "gestor negotii";

Mill-provi jirriżulta illi l-atturi ħallsu lil Bondin, il-"ganger" inkarigat minn dan ix-xogħod, u addebitaw l-ammont relattiv fil-kotba tagħhom lill-konvenut. Jirriżulta wkoll illi l-konvenut irrifenda, sija pure taħt protesta għad-dritt li huwa kien jippretendi li jinkariga direttament lill-"ganger", diversi partiti li l-atturi ħallsu fl-interess tiegħu lill-imsemmi "ganger" Bondin, iżda ma ħallasx iż-żewġ partiti in kwistjoni;

Il-perit legali rrelata illi l-import ta' dawn iż-żewġ partiti ġew imħallsa lil Bondin minn għand il-konvenut. Din il-Qorti ma taqbelx mal-konklużjoni tal-perit. Infatti, il-konvenut u l-impjegat tiegħu Farrugia xehdu illi huma ħallsu lil Bondin ta' kull ma kellu jieħu, mingħajr ma

setgħu jispeċifikaw ta' liema partiti huma ħallsu. Issa, jekk Bondin kien ġa mħallas minn għand l-atturi taż-żewġ partiti in kwistjoni, li tħallsu fl-14 ta' Ottubru 1957, ma kellux jieħu ta' dawn il-partiti; u għalhekk, jekk il-konvenut ħallsu ta' dak li kien għadu lilu dovut, ma setax ħallsu ta' dawn iż-żewġ partiti, li ma kienux dovuti aktar lil Bondin, iżda lill-atturi bħala "negotii gestores". Dan il-fatt ġie konfermat bix-xhieda ta' Carmelo Bondin, li qal li għax-xogħol kollu li ħadem għal li-"Star of Malta" fissena 1957 — u dawn huma partiti tal-10 ta' Ottubru 1957 — ħallsu l-attur, mentri l-konvenut ħallsu għax-xogħol li għamel fis-sena 1958. li mhux in kawża;

Illi għalhekk il-konvenut hu debitur tal-ammont indikat fiċ-ċitazzjoni lill-atturi, sija bħala "negotii gestores", u sija taħt l-aspett li huma ħallsu lill-ħaddiema dan l-ammont dovut mill-konvenut;

Rat in-nota tal-appell tal-imsemmi Laferla, u ċ-ċitazzjoni li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li minflok jiġi deċiż għar-riġett tat-talba kif dedotta fl-avviż; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis*;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Din il-materja hi regolata bl-Ordinanza XXI tal-1939 (Kap. 158), bl-Att emendanti Nru. XXXIX tal-1949, u bir-Regolamenti publikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern 131 tal-1950, kif emendata, sal-lum, bin-Notifikazzjonijiet 149, 155, 474, 561, u 640, tal-1957;

Ma jistax ikun hemm dubju li l-allokazzjoni tal-"port workers" reġistrati lill-"employers' għandha ssir mill-Managers nominati kif inhuma l-atturi għall-finijiet taddispożizzjonijiet leġislattivi fuq imsemmijin, u li ebda "employer" ma jista' jħaddem "port workers" reġistrati ħlief per mezz tal-manager. Dan jirriżulta ċar mir-regolamenti nru. 2, 4(2), u 6 tal-Port Workers Regulations,

Notifikazzjoni tal-Gvern 131/1950, li jgħidu kjarament li "manager" huwa dak li, fost dmirijiet oħra, għandu wkoll id-dmir li jalloka lil-"employers" ir-"registered port workers", li ħadd ma jista' jħaddem "registered port workers" ħlief permezz tal-manager, u li waħda mill-inkombenzi li bihom hu nvestit il-manager hija dik li jipprovdi l-"employers" bil-"port workers";

Dak li seta' ġie prattikat diversament qabel ma jgħodd xejn, għaliex ir-regolament numru ħdax (11) jirriżerva impreġudikati r-regolamenti, meta jgħid li l-kondizzjonijiet ta' mpjeg ta' qabel għandhom jitqiesu, imma "subject to the provisions of these regulations";

Anki jekk fil-preżent, xi "gangs" speċjali qegħdin jiġu mqabbda mhux permezz tal-managers, imma direttament mill-"employer", dan ma hux skond il-liġi, u ebda konswetudini ma tista' tiġi atteża li "legem invertit et corrumpit". Del resto, hu ovvju l-għaliex ċerti "gangs" sallum ġew imqabbda direttament mill-"employers"; dan kien minħabba li jkun hemm "gang" wieħed biss li l-komponenti tiegħu għandhom attitudini speċjali għal ċertu xogħol (bħal dak tal-barrin), jew għal ċerti kondizzjonijiet ta' xogħol (bħal meta l-vapur ma jkollux ċerti attrezzi; hekk, ad eżempju, il-vapur tal-appellant, li sa issa ma għandux "winches"). Iżda din hi biss pożizzjoni tollerata, iżda mhux konformi għal-liġi, u bit-"training" ta' "gangs" oħra ugwalment speċjalizzati jkun hemm lok għall-allokazzjoni. Kien għalhekk li l-attur Scicluna qal, fix-xhieda tiegħu fol. 88 tergo:— "Pjuttost ma rridx ngħid li hemm eċċezzjoni, imma li ħadd ma ta attenzjoni partikulari għall-fatt li ma humiex jaħdmu 'through the manager'". Hu ovvju, però, li allokazzjoni jew le, l-inkarigu, skond il-liġi, għandu jiġi mogħti per mezz tal-manager;

Żgur li, fil-każ tal-appellant, ma għandux ikun hemm l-anqas dubju dwar dan il-punt; għaliex fis-seduta tas-6 ta' Mejju 1957, il-"Port Workers Joint Council" kien iddeċieda l-kwistjoni tal-foreman Bondin (dak stess li kien imqabbad direttament mill-appellant), ċjoè jekk dan setgħax jaħdem "special type cargo" mhux "tramite" mal-managers, u d-deċiżjoni tal-Council ġiet approvata mill-ministru kompe-

tenti, kif ġie annunzjat *fis-seduta l-oħra* tat-22 ta' Mejju 1957 (ara fol. 23 et seq. tal-inkartament), u taħt ir-regolament nru 7(6) id-deċiżjoni, approvata mill-Ministru, torbot anki l-"employers". Ma jistax l-appellant jgħid li hu ma hux marbut għax ma qabbadx in-nies tax-xogħol permezz tal-manager; għax ħadd ma jista' jġib favur tiegħu l-vjolazzjoni li jkun ikkommetta hu stess;

Ikkunsidrat, dwar il-punt jekk l-atturi bħala managers għandhomx "locus standi" għall-finijiet ta' din l-istanza;

Iżda l-fatt li l-impieg tal-"port worker" reġistrat għandu jsir per mezz tal-manager, ma jġibx għas-soluzzjoni tal-punt involut f'din il-kawża. Fl-istat tal-liġi kif inhi fil-preżent konċepita, il-manager ma hux ekwiparabbli għall-appaltatur jew imprenditur, li qed jassumi kuntratt ta' xogħol għall-appaltant jew kommittent, u jsir, għalhekk, intitolat għall-ħlas. Infatti, skond it-termini tal-liġi (reg. 4(2) u 6 tal-1950), hu l-"employer" li jimpjega n-nies, għalkemm per mezz tal-manager; u skond l-art. 4 tal-Kap. 158, il-persuna responsabbli *għall-ħlas tal-ħaddiema* hu l-foreman. Il-liġi, kif inhi, ma tawtorizzax lill-interpreti tagħha li jinvesti lill-manager bi kwalità aktar l-hemm minn dik ta' ntermedjarju bejn l-"employer" u l-ħaddiema. Lanqas ma hi deduċibbli xi kwalità li tissorpassa dik ta' intermedjarju mill-emenda magħmula bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 532 tal-1957; għaliex il-funzjonijiet li fiha jingħataw lill-manager jibqgħu dejjem fl-istess sfera ġuridika ta' "nexus" sempliċi bejn min jimpjega u min hu mpjegat;

*Ma hemmx fil-proċess provi tali li jistgħu jinduċu* lill-ġudikant biex jirritjeni li hemm xi konswetudini li l-managers jiġbru l-flus huma minn għand l-"employer". Biex titqies konswetudini fis-sens li tiġi applikata daqs kieku liġi, jeħtieġ li jkun hemm provi riġidi ta' użu kostanti u dijuturn, li ma jinsabux fil-proċess, molto pjù li din kienet tkun, fil-każ, konswetudini, jekk mhux "contra jus", almenu "praeter jus", u mhux sempliċement interpretattiva;

Jibqa', għalhekk, li wieħed jara jekk hux il-każ tal-applikabbilità *f'dan il-każ tad-dispożizzjonijiet* dwar il-pagament taṭ-terz jew ṭan-"negoṭiorum gestor";

Kwantu għad-dispożizzjonijiet dwar il-pagament tat-terz li fil-Liġi Maltija huma kontenuti fl-art. 1191 tal-Kodiċi Ċivili, ma hux applikabbli l-ewwel subartikolu ta' dak l-artikolu; għaliex dan qiegħed jirriferixxi għat-terz li hu obligat aċċessorjament jew sussidjarjament, kif jispjegaw l-awturi (ara, fost oħrajn, Marcadè, comm. art. 1236 tal-Kodiċi Franċiż, simili għall-Tagħna, para. 672, paġ. 609-610), u kif, del resto, hu deżumibbli faċilment mill-eżempji li f'dak l-istess sub-artikolu tagħti l-liġi, tal-kondebitur jew tal-garanti, meta, għal dawn l-eżempji, tiġi applikata r-regola nterpretattiva tal-"ejusdem generis". Jaqa', per eżempju, taħt dan is-subartikolu, id-detentur ta' immobili ipotekat, kif josserva l-Baudry, Obbligaz. Vol. 11, p. 507. Il-manager tal-"Port Scheme Work" ma għandu, però, ebda obligu simili;

Lanqas ma hu applikabbli l-ewwel każ viżwalizzat fit-tieni subartikolu tal-istess art. 1191 fuq imsemmi; għaliex l-atturi ma ħallsux fl-isem u għall-ħelsien tad-debitur, imma aġixxew u ħallsu "uti" managers. Jibqa' għalhekk il-kwistjoni jekk huwiex il-każ li wieħed japplika t-tieni parti tat-tieni subartikolu tal-imsemmi art. 1191. F'dan il-każ jeħtieġ, skond id-dottrina nterpretattiva u skond il-loġika ġuridika (ara Ricci, Corso, Vol. VI, paġ. 319), li d-debitur ikun irrikava profitt mill-pagament; f'liema każ ikun tenut ekwitattivament bl-azzjoni "de in rem verso". Iżda, fil-każ preżenti, l-appellant, li hu d-debitur fil-kwadru ġuridiku prospettat għall-finijiet ta' din l-indaġini legali, peress li qiegħed jallega li hu ġie liberat bil-pagament lil Bondin, lunġi milli ħa profitt mill-pagament magħmul mill-managers, anzi, "ex hypothesi", inkorra dannu. Irriżulta mill-provi li hu kien ipprotesta (xhieda attur Scicluna fol. 12 tergo), u kwindi ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' xi akkwijexxenza tiegħu għal-pagament tat-terz;

Lanqas jistgħu jiġu applikati d-dispożizzjonijiet dwar il-kważi-kuntratt tan-"negotiorum gestio". L-atturi fil-fatt ma mprendewx negozju ta' ħadd ieħor, imma ħallsu "qua" managers, għaliex dehrilhom li kien sewwa li jagħmlu hekk. Minbarra hekk, il-kontestazzjoni tal-appellant, dik ċjoè li hu kien ġie liberat bil-ħlas li għamel lil Bondin, u

l-protesta tiegħu fuq imsemmija, teskludi l-idea tal-"utili" *li hu a bażi tal-ġestjoni tan-negozju aljen*;

Għalhekk ma jistax ikun hemm il-leġittimazzjoni attiva ta' din l-azzjoni lanqas in bażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi;

Ikkunsidrat;

Hu veru li, kwantu għal xelin u disgħa soldi u tliet xelini u żewġ soldi tad-domanda, dawn huma l-"administrative charges" tal-atturi (ara kont fol. 2). Hu veru wkoll li dawn huma a kariku tal-"employer" (Notifikazzjoni tal-Gvern 149 tal-1957). *Imma dawn huma perċentwali fuq l-ammonti* dovut lill-ħaddiema, u għalhekk, jekk il-leġittimazzjoni attiva tal-azzjoni preżenti hi skorretta, ma jistax jiġi aċċertat ebda ammont dovut lill-ħaddiema, u kwindi ma tistax tiġi fissata ebda perċentwali;

Ikkunsidrat;

Għalhekk, "in jure condito", l-istanza kif intavolata, minħabba "carenza d'azione", ma tistax treġġi. "In jure condendo". hu forsi l-każ li jiġi studjat jekk jeħtieġux xi emendi fil-liġi prinċipali, biex il-pożizzjoni tiġi kjarita;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-konvenut Laferla, tirrevoka s-sentenza appellata, u tirrespinġi l-istanza. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi nomine; salv, "si et quatenus", kull dritt ieħor kontra l-konvenut, talvolta diversament esperibbli.